MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru. 204/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Rennie Stivala**

**VS**

**Jesmond Musu detentur tal-karta tal-identita' numru 95364M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Jesmond Musu** li gie akkuzat talli nhar il-11 ta' Jannar, 2015, u fil-granet ta'

qabel, fuq il-Monti ta’ Ta’ Qali, kif ukoll fi bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew xjentement ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki, jew sinjali falsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid, jew ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella, jew emblem li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema, imxebbhin b’qerq u cioe’ numru ta’ DVDs foloz jew ikkupjati;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghall-qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, jew kellu fil-pussess, kontroll jew kustodja tieghu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha.

Rat illi moqrija l-istess, l-imputat wiegeb illi kien hati u zamm ferm din l-ammissjoni, nonostante li l-Qorti tatu zmien biex jahseb fuq l-istess.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-**<u>Ispettur Rennie Stivala</u>**, illi ezebixxa kemm l-istqarrija tal-imputat, il-kwerela li a bazi

taghha mxew dawn il-proceduri, u lista tad-DVDs kollha maqbuda.

Rat u kkunsidrat ghalhekk, l-ammont ta' DVDs foloz u kkupjati li l-imputat kien qiegehed ghall-bejgh.

Rat ukoll illi huwa anke fil-hin tal-investigazzjoni, waqt it-tehid tal-istqarrija, huwa kkopera bis-shih mal-pulizija.

Rat ukoll il-verbal illi l-partijiet bi qbil ghamlu fl-atti, u cioe’ li tenut kont tal-akkuzi dedotti, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-ammissjoni bikrija, il-piena suggerita ghandha tkun dik ta' sena (1) habs sospiza ghal sentejn (2), u dan bl-appliklazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ghalhekk l-Artikoli 298 u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat; qieset illi hu gia’ kien gie misjub hati ta' reat simili, u ghalkemm qieghda tadopera s-suggeriment tal-partijiet dwar il-piena, twiddbu dwar il-konsegwenzi ta' ksur ta' sentenza sospiza, u qieghda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta’ Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena (1) sospiza ghal sentejn (2).

Tordna wkoll id-distruzzjoni ta' kull DVD maqbud minghand l-imputat, numru KA 120.2015.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------